MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2011

Numru. 150/2010

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Carmel Gauci bin Emanuel u Michelina nee' Xuereb, imwieled fil-11 ta' Frar, 1966 u residenti fil-fond St. John,
Flat 1, Triq ta' Cenc, Sannat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 6666(G)**

**u**

**Mary Jane Gauci bin Carmel u bint John Vella u Liza nee' Spiteri,
imwielda fis-27 ta' Marzu, 1974 u residenti fil-fond St. John,
Flat 1, Triq ta' Cenc, Sannat, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita' numru 138092(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmija Carmel Gauci u Mary Jane Gauci li gew akkuzati talli nhar il-31.01.2010 ghall-habta ta’ 09:30hrs fi Triq ta’ Cenc, Sannat, Ghawdex;

1. b’mod volontarju kisru l-paci pubblika b’ghajjat, storbju, glied jew mod iehor;
2. aktar talli ghajru u nsulentaw bi kliem lill-familja Muscat minn Sannat, Ghawdex;
3. Carmel Gauci wahdu akkuzat talli hedded bi kliem lil Peter Paul Gauci minn Sannat, Ghawdex;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Jannar 2011;

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi jinnecessitaw l-kwerela tal-parti leza. Illi jirrizulta mill-atti illi l-kwerelanti rrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputati u ghalhekk il-Qorti ma tistax hlief tiddikjara l-procediment ezawrit fir-rigward tal-ahhar zewg akkuzi;

Illi fir-rigward tal-ewwel (1) akkuza, dina ma gietx ippruvata u kwindi l-Qorti qed tillibera lill-imputati mill-istess akkuza;

Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputati mill-ewwel (1) akkuza, tiddikjara l-procediment ezawrit fir-rigward tal-ahhar zewg akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------